MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

Il-Ħamis, 2 ta' Frar, 2017

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fit-3:00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa – Viċi Sindku
Franco Buhagiar – Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

*Kunsill Lokali San Lawrenz*
*22A, Triq id-Duluri*
*San Lawrenz*
*Tel: 21563556*

## 23.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

23.1.2 Wara kunsiderazzjoni, il-minuti kienu approvati u iffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 23.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

23.2.1 Is-Sindku qal li l-laqgħa tal-lokalità li saret f'Diċembru ta' 2016, ma attenda ħadd u allura ma kienx hemm suġġerimenti jew ilmenti x'jiġu irreġistrati.

23.2.2 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Prinċipal il-ġdid tal-iskola u qalilha bl-idea tal-kors tal-etika. Il-Prinċipal qalet li dan il-kors huwa idea tajba ferm u għandhom jitkellmu fil-futur qarib dwaru.

23.2.3 Is-Sindku qal li rigward l-cameras tal-Pjazza, hu sar jaf li l-internet li hemm ma tal-Paroċċa m'għadux jintuża u għalhekk ma nistgħux nqabbdu l-cameras hemm. Is-Sindku qal li tkun idea tajba li anke biex niffrankaw il-flus, kieku nipprovaw inqabbdu l-cameras mal-Wi-Fi provdut mill-MCA fil-Pjazza. Is-Sindku qabbad lis-SE tara jekk dan hux possibli.

23.2.4 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-SE kellhom laqgħa mas-Sindku u s-SE tal-Għarb fejn iddiskutew il-possibilta' li ssir it-Triq tal-Qasam bejn iż-żewġ Kunsilli mill-fondi tat-toroq rurali.
Sadanitant saret laqgħa informattiva fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'Għawdex fejn attendew is-Sindku, l-Kunsillier Buhagiar u s-SE. Il-Kunsill iddiskuta l-informazzjoni li ġabbru u sar qbil li napplikaw għall-Triq tal-Qasam, Triq Wied Merill, Triq il-Wileġ u l-isqaq fejn kien joqgħod Wenzu Casar magħruf bħala taz-Zogu. Is-Sindku qal li issa jagħmel appuntament mal-Perit Scerri sabiex jiggwidana aħjar.

23.2.5 Is-Sindku qal li billi din is-sena sar ftehim li se noqgħodu ftit lura mill-ispejjeż żejda, tkun idea għaqlija li ma nattendux għall-konferenza fl-Italja li kien mistieden il-Kunsill għaliha. Il-Kunsill qabel.

23.2.6 Is-Sindku informa li Dr. Sandro LanFranco ma setax jattendi għad-data proposta tas-Sessjoni Edukattiva fid-Dwejra. Is-Sindku qal li se jerġa jiftehem miegħu għall-data oħra. Il-Kunsillier Grima ipproponiet li nsaqsu lil-għalliema tax-xjenza u naraw ikunux interessati jattendu ukoll. Il-Kunsill qabel.

23.2.7 Is-Sindku qal li tkellem mal-Ispanjoli fuq possibilta' ta Youth Exchange. Huma infurmawh li għandhom Youth Project fejn nistgħu nagħmlu Youth Exchange bħas-snin oħrajn, din id-darba għall-Madrid. Is-Sindku qal li l-Exchange probabilment se

ssir fil-bidu ta' Lulju. Il-Kunsill qabel ma din il-possibilità u li għandna ninfurmaw b'dan minn issa liż-żgħażagħ.

23.2.8 Is-SE ippreżentat r-rapport tad-Dwejra Environmental Centre għas-sena 2016 li ġie ikkumpilat mill-*attendent* taċ-Ċentru, Ms Annie Formosa. Fir-rapport inqara kemm kien hemm (6,577) viżitaturi fost affarjiet oħrajn.

23.2.9 Is-Sindku qal li kellu laqgħa rigward il-Monument ta' San Lawrenz fuq il-post. Hu iltaqa' mal-bennej, l-artist, tad-dawl u oħrajn. Is-Sindku fisser lil Kunsilliera kif ġie ipproponut ix-xogħol u ippreżenta l-istima tal-Monument. Is-Sindku qal li se jħoss li għandu jibgħat lil Ministru biex il-Ministeru jidħol għall-ispiża hu peress li meta kienet qed issir it-Triq San Lawrenz, saret ħsara lill-istess monument. Kien hemm qbil dwar dan.

23.2.10 Is-Sindku qal li rigward l-bollards tal-Pjazza ta' quddiem iċ-ċentru, eżattament dawk li ridna nagħmlu bil-qsari, għandna nistqasu lill-John Micallef għall-stima , peress li huwa nfurmat li għandu magna li tista' taqta' fil-ħadid. Il-Kunsill qabel.

23.2.11 Is-Sindku qal li jinsab inkwetat għaliex il-karozzi qed jidħlu fil-Pjazza b'sewqan eċċessiv b'konsegwenza li jipperikolaw il-ħajja ta' xi ħadd. Hu kompla jgħid li meta titranġa Triq San Lawrenz, il-karozzi se jaċċelleraw iktar għaliex mhux se ikun hemm it-tappieri esposti x'jevitaw.
Is-Sindku issuġġerixxa li nibgħatu lid-Direttur sabiex nitolbu li ssir *traffic hump* pulita bħall-dik li saret fil-Pjazza tax-Xagħra. Is-Sindku qal ukoll li tkun tajjeb li ssir oħra maġenb il-Knisja n-naħa ta' Triq il-Wileġ. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

23.2.12 Is-Sindku qal li hu jirċievi ammont kbir ta emejls bħala Sindku u b'konsegwenza li qed ikollu l-inbox privata u tax-xogħol dejjem mimlija u emejls importani ma jirċivihomx. Hu issuġerixxa li l-Kunsill ikollu aċċess għall-account u domain mal-Google (@kunsilllokalisanlawrenz.com) fejn ikun jista' jsir indirizz, sindku@ bi ħlas ta' €16.00 fix-xahar. Il-Kunsill approva.

23.2.13 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva emejl minn residenti sabiex jipproponu li jitpoġġa fanal ieħor fl-area ta' Pawluzzu. Is-Sindku ppropona sabiex jitħarrek fanal minnhom u jintuża f'dan il-post għaliex xorta jinsabu wisq qrib xulxin. Il-Kunsill qabel.

23.2.14 Is-Sindku qal li irċieva emejl mill-Gozo College fejn tat ħajr lil Kunsill tal-laqgħa li saret għat-tfal f'Diċembru. Bħala parti minn dan il-proġett, l-istudenti iddeċidew li jagħmlu replika tat-tieqa tad-Dwejra u tal-cart ruts. Is-Sindku fisser li ġietu l-idea li dawn ir-repliki jkunu jistgħu jintużaw fil-Giardino Botanico ta' Franza, pero wara sar jaf li dawn se jinżammu mill-istess studenti. Il-Kunsill qabel li kieku tassew tkun idea tajba jekk ngħidu lil Prinċipal isaqsi jekk hemmx xi student li lest li jagħmel replika ta' xi ħaġa li tissimbolizza lir-raħal ta' San Lawrenz għall-iskop tal-ġnien botaniku li qed naħsbu għalih.

23.2.15 Is-SE infurmat li t-tim ta' Marion Mizzi bagħtu emejl lura fejn proponew li ssir laqgħa edukattiva fi xi xahar ta' Frar. Il-Kunsill qabel li din wisq fil-qrib u allura proponew li ssir f'Marzu.

23.2.16 Is-Sindku qal li irċieva emejl mingħand il-Ġemellati tagħna ta' Colle Umberto fejn proponew li nieħdu sehem f'tournament tal- futbol. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lil-Kumitat tal-Futbol.

23.2.17 Intbagħtet emejl mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali – Ċirkulari 5/2017 dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2017 għaż-żmien Jannar – Ġunju 2017. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li japplika għall-edizzjoni oħra ta' Swejjaq f'Ġunju li ġej.

## 23.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

23.3.1 Il-Kunsillier Buhagiar propona li għandna nkellmu lis-sidien ta' propjetà fi Triq it-Torri *biex jitella' ħajt għaliex qed isir dumping site.* Wara diskussjoni sar qbil li l-ħajt isir pero ma jkunx għoli wisq għaliex jinħeba l-ambjent.

23.3.2 Il-Kunsillier Grima fakkret jekk inbagħtetx l-emejl rigward il-ħitan tad-Dwejra. Is-SE infurmat li hi bagħtita pero ma irċivitx risposta.

23.3.3 Il-Viċi Sindku Formosa saqsa jekk hux se issir ħarġa għall-anzjani fi Frar. Wara diskussjoni sar qbil li ssir ikla u tombla nhar il-23 ta' Frar u minn dan ix-xahar 'il quddiem il-prezz ta' kull persuna ikun €7.00.

23.3.4 Il-Kunsillier Buhagiar qal li l-Kunsill għandu jiftakar li c-*Chevron Lights* li jinsabu fi Triq id-Dwejra kienu twaħħlu bi prova u allura m'għandnix inħallsu kontjiiet jew jekk inħallsu għalihom ikun parzjalment. Hu kompla jgħid li apparti l-ewwel ħlas tagħhom hemm il-kwistjoni ta' manutenzjoni.
Is-Sindku qal li l-ftehiem kien mill-bidu li nħallsu parzjalment u mhux għall-ispiża kollha u semma li dawn ntlaqgħu tajjeb minħabbais-sigurta' f'din it-Triq, u kien għalhekk li l-Kunsill iddeċieda li jżommhom. Wara diskussjoni sar qbil li tintbgħat ittra lil Ministeru fejn infakkru talba li kien għamel il-Kunsill għall- crash barriers fl-istess post u sabiex jgħin finanzjarment sabiex jinżammu c-Chevron Lights.

## 23.4 Performance Appraisals

23.4.1 Is-SE ressaq ir-rapport għall-Assistent Prinċipal għas-sena 2016 u irrakkomandat li tingħata 6%. Is-SE ressqet ukoll il-*leave balance* tal-Assistent Prinċipal li jammonta 34 il-siegħa sabiex jiġi trasferit għall-2017. Il-Kunsill approva.

23.4.2 Il-Kunsill qabel unanimament li s-SE għandha tingħata *performance bonus* ta' 10%.

## 23.5 Karnival 2017

23.5.1 Wara diskussjoni sar qbil li l-Karnival għas-sena 2017 isir nhar Il-Ġimgħa 24 ta' Frar fis-7:30pm. Sar qbil ukoll li nistiednu kumpanija taż-żfien, isiru kompetizzjonijiet b'ġudikanti u jingħataw premijiet għar-rebbieħa.

## 23.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

23.6.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 23.7 Mozzjonijiet

23.7.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvat ir-Rapport Finanzjarju Ottubru – Diċembru 2016 u r-rapport ta' kull kwart. Wara li saret evalwazzjoni tar-rapporti, sar qbil li għas-sena 2017, l-infieq ikun fuq proġetti essenzjali sabiex il-Kunsill ikompli itejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu.

23.7.2 Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju u r-rapport ta' kull kwart.

## 23.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

23.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-17:15 u ġiet aġġornata għall-2 ta' Marzu 2017 fl-14:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv